



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13892/23

LIMITE

DUAL USE 11
POLCOM 225
COMPET 961
TELECOM 291
RELEX 1151
CFSP/PESC 1357

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru dok. Cion:	C(2023) 6689 final
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta' 3.10.2023 dwar oqsma teknoloġiċi kritiċi għas-sigurtà ekonomika tal-UE għal valutazzjoni tar-riskju ulterjuri mal-Istati Membri


Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2023) 6689 final.

Mehmuż: C(2023) 6689 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburg, 3.10.2023
C(2023) 6689 final



RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 3.10.2023

dwar oqsma teknoloġiċi kritiċi għas-sigurtà ekonomika tal-UE għal valutazzjoni tar-riskju ulterjuri mal-Istati Membri

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 3.10.2023

dwar oqsma teknoloġiċi kritiċi għas-sigurtà ekonomika tal-UE għal valutazzjoni tar-riskju ulterjuri mal-Istati Membri

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli għarfu li b'tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu, b'integrazzjoni ekonomika aktar profonda u bl-aċċellerazzjoni tal-iżvilupp teknoloġiku, ċerti flussi u attivitajiet ekonomiċi jistgħu jippreżentaw riskju għas-sigurtà ekonomika tagħna u adottaw Komunikazzjoni Konġunta dwar l-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà Ekonomika¹ biex jiġi stabbilit approċċ strateġiku komprensiv għas-sigurtà ekonomika.
- (2) L-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà Ekonomika hija bbażata fuq approċċ bi tliet pilastri: il-promozzjoni tal-bażi ekonomika u tal-kompetittività tal-UE; il-protezzjoni kontra r-riskji; u s-sħubija mal-usa' firxa possibbli ta' pajjiżi biex jiġu indirizzati t-tħassib u l-interessi komuni.
- (3) Bħala parti minn dan il-qafas u fid-dawl tar-riskji li ċerti dipendenzi ekonomiċi u evoluzzjonijiet tekniċi jistgħu jippreżentaw, l-UE teħtieġ stampa ċara tar-riskji għas-sigurtà ekonomika tagħha u l-evoluzzjoni tagħhom maż-żmien.
- (4) Dawn ir-riskji għandhom jiġu identifikati u vvalutati flimkien mal-Istati Membri tal-UE, b'kontributi minn partijiet ikkonċernati privati fi proċess dinamiku u kontinwu.
- (5) L-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà Ekonomika identifikat l-erba' kategoriji ta' riskju wiesgħa u mhux eżawrjenti li ġejjin għal valutazzjoni ulterjuri: ir-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista, inkluża s-sigurtà tal-enerġija; is-sigurtà fiżika u ċibernetika tal-infrastruttura kritika; is-sigurtà tat-teknoloġija u l-ħrib tat-teknoloġija; l-użu tad-dipendenzi ekonomiċi bħala arma u l-koerċizzjoni ekonomika.
- (6) Fil-Komunikazzjoni Konġunta, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tivvaluta r-riskji tas-sigurtà u tal-ħrib tat-teknoloġija abbażi ta' lista ta' teknoloġiji strateġiċi kritiċi għas-sigurtà ekonomika u, fir-rigward tal-aktar riskji sensittivi, li tipproponi lista ta' teknoloġiji kritiċi bil-ħsieb tal-valutazzjoni tar-riskju li għandha titwettaq b'mod kollettiv mal-Istati Membri sa tmiem l-2023.
- (7) Il-Komunikazzjoni Konġunta identifikat dawn it-tliet kriterji ddefiniti b'mod strett u li jħarsu 'l quddiem għall-għażla tat-teknoloġiji li jippreżentaw l-aktar riskji sensittivi, għal valutazzjoni ulterjuri: in-natura abilitanti u trasformattiva tat-teknoloġija; ir-riskju ta' fużjoni ċivili u militari; u r-riskju ta' użu ħażin tat-teknoloġija għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

¹ JOIN(2023) 20 final

- (8) Il-kriterju tan-natura abilitanti u trasformattiva tat-teknoloġija jqis il-potenzjal u r-rilevanza tat-teknoloġija biex tixpruna żidiet sinifikanti fil-prestazzjoni u fl-effiċjenza u/jew bidliet radikali għas-setturi, il-kapaċitajiet eċċ.
- (9) Il-kriterju tar-riskju ta' fużjoni ċivili u militari jqis ir-rilevanza tat-teknoloġija kemm għas-setturi ċivili kif ukoll għal daww militari u l-potenzjal tagħha li tawvanza ż-żewġ oqsma, kif ukoll lejn ir-riskju ta' użi ta' ċerti teknoloġiji biex jimminaw il-paċi u s-sigurtà.
- (10) Il-kriterju tar-riskju ta' użu ħażin tat-teknoloġija għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem iqs l-użu ħażin potenzjali tat-teknoloġija bi ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż ir-restrizzjoni tal-libertajiet fundamentali.
- (11) Wara l-ewwel analiżi interna, il-Kummissjoni identifika lista ta' 10 oqsma teknoloġiċi kritiċi għas-sigurtà ekonomika tal-UE. Din il-lista ta' oqsma teknoloġiċi tqis il-ħidma li saret skont il-Pjan ta' Azzjoni dwar is-sinerġiji bejn l-industrija ċivili, tad-difiża u tal-ispazju². Dan dokument ħaż u jista' jkun soġġett għal aktar emendi li jirriflettu l-iżviluppi teknoloġiċi bħala parti minn eżerċizzju li għadu għaddej.
- (12) Abbażi tat-tliet kriterji ddefiniti b'mod strett u li jħarsu 'l quddiem għall-għażla tat-teknoloġiji għal valutazzjoni ulterjuri, din ir-Rakkomandazzjoni presentati tidentifika erba' oqsma teknoloġiċi, minn din il-lista, li hija tqis li x'aktarx jippreżentaw l-aktar riskji sensittivi u immedjati relatati mas-sigurtà tat-teknoloġija u mal-ħrib tat-teknoloġija, jigiġifieri s-Semikondutturi Avvanzati, l-Intelliġenza Artifiċjali, it-Teknoloġiji Kwantistiċi u l-Bijoteknoloġiji. Dawn l-oqsma tat-teknoloġija għandhom, bħala kwistjoni tal-ogħla prijorità, ikunu soġġetti għal valutazzjoni tar-riskju kollettiva mal-Istati Membri sa tmiem is-sena. Soġġett għall-ħidma dwar l-ambitu mal-Istati Membri, din il-valutazzjoni kollettiva tista' tiffoka fuq is-subsettijiet tat-teknoloġiji f'dawn l-erba' oqsma teknoloġiċi.
- (13) L-istrutturar tal-lista jirrifletti l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar liema oqsma teknoloġiċi minn fosthom huma aktar probabbli li jippreżentaw l-aktar riskji sensittivi u immedjati relatati mas-sigurtà tat-teknoloġija u l-ħrib tat-teknoloġija. Dan jista' jservi bħala għajnuna għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-passi ulterjuri. Il-Kummissjoni se tidħol fi djalogu miftuħ mal-Istati Membri dwar il-kalendarju xieraq u l-ambitu ta' valutazzjonijiet tar-riskju ulterjuri, filwaqt li tqis, fost l-oħrajn, il-kontribut tal-fattur taż-żmien għall-evoluzzjoni tar-riskji. Il-Kummissjoni tilqa' skambju f'waqtu dwar dan l-aspett tal-Istrateġija tas-Sigurtà Ekonomika fil-Kunsill, fil-kuntest tad-deliberazzjonijiet u tal-orjentazzjonijiet politiċi ġenerali tiegħu b'reazzjoni għall-Komunikazzjoni Konġunta. Il-Kummissjoni tista' tippreżenta aktar inizjattivi f'dan ir-rigward sar-Rebbiegħa tal-2024, fid-dawl ta' tali djalogu u tal-ewwel esperjenza bil-valutazzjonijiet kollettivi inizjali, kif ukoll ta' inputs ulterjuri li jistgħu jiġu riċevuti fl-oqsma teknoloġiċi elenkati. Fid-deċiżjoni dwar proposti għal valutazzjonijiet tar-riskju kollettivi ulterjuri mal-Istati Membri dwar wieħed jew aktar mill-oqsma teknoloġiċi addizzjonali elenkati, jew is-subsettijiet tagħhom, il-Kummissjoni se tqis l-azzjonijiet li għadhom għaddejjin jew ippjanati għall-promozzjoni jew għas-šhubija fil-qasam tat-teknoloġija li jkun qed jiġi kkunsidrat. B'mod aktar ġenerali, il-Kummissjoni se żżomm f'moħħha li l-miżuri meħuda biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE fl-oqsma rilevanti jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis ta' ċerti riskji teknoloġiċi.
- (14) L-oġġettiv tal-valutazzjoni tar-riskju għandu jkun li jiġu identifikati u analizzati l-vulnerabbiltajiet ta' natura sistemika skont l-impatt potenzjali tagħhom fuq is-sigurtà

² COM(2021) 70 final

ekonomika tal-UE u l-grad ta' probabbiltà li jimmaterjalizza l-impatt negattiv. Biex jiġi strutturat l-eżerċizzju tal-valutazzjoni tar-riskju li jmiss mal-Istati Membri, il-Kummissjoni identifikat xi prinċipji gwida.

- (15) Din ir-Rakkomandazzjoni ma tippreġudikax l-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju. L-eżitu tal-valutazzjoni kollettiva dettaljata tal-livell u tan-natura tar-riskji ppreżentati biss jista' jservi bħala bażi għal diskussjoni ulterjuri dwar il-ħtieġa ta' kwalunkwe miżura preċiża u proporzjonata għal promozzjoni, sħubija jew protezzjoni fi kwalunkwe wieħed minn dawn l-oqsma teknoloġiċi, jew kwalunkwe subsett tagħhom. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jużaw din l-informazzjoni fit-tfassil ta' azzjonijiet ta' politika futuri, inklużi miżuri ta' promozzjoni, sħubija jew protezzjoni fil-livell nazzjonali, tal-UE jew f'dak internazzjonali, li għandhom ikunu proporzjonali għall-livell ta' riskju indirizzat u preċiżi fir-rigward tal-ambitu. Għalhekk, f'dan l-istadju ta' prevalutazzjoni, ma tista' tinsilet l-ebda konklużjoni dwar ir-rikors għal kwalunkwe strument partikolari fis-settijiet ta' miżuri tal-UE jew tal-Istati Membri għal promozzjoni, protezzjoni jew sħubija ma' oħrajn fid-dawl ta' sigurtà ekonomika msaħħa.
- (16) Kwalunkwe miżura li tista' tittieħed se tkun proporzjonata u mmirata b'mod preċiż għar-riskji vvalutati ta' kull qasam tat-teknoloġija kritika jew ta' teknoloġija rilevanti. Kwalunkwe miżura implimentata se jkollha l-għan li ssaħħa il-qawwa tal-Unjoni f'dawn l-oqsma u tkun imfassla biex timminimizza kwalunkwe effett konsegwenzjali negattiv fuq is-suq u l-ekonomija. B'mod partikolari, dawn il-valutazzjonijiet se jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-politiki tal-Unjoni b'appoġġ għall-innovazzjoni u l-iżvilupp industrijali għat-teknoloġiji identifikati, inkluż permezz ta' inizjattivi internazzjonali.

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. Mil-lista ta' 10 oqsma kritiċi tat-teknoloġija identifikati fl-Anness, huwa rrakkomandat, bħala pass inizjali, li l-Istati Membri flimkien mal-Kummissjoni jivvalutaw, sa tmiem l-2023, l-erba' oqsma tat-teknoloġija li ġejjin bl-ogħla probabbiltà li jippreżentaw l-aktar riskji sensittivi u immedjati relatati mas-sigurtà tat-teknoloġija u l-ħrib tat-teknoloġija:
 - (a) Teknoloġiji avvanzati tas-semikondutturi

Is-semikondutturi, il-mikroelettronika u l-fotonika huma komponenti essenzjali ta' apparati elettroniċi f'oqsma kritiċi bħall-komunikazzjonijiet, il-computing, l-enerġija, is-saħħa, it-trasport u d-difiża u s-sistemi u l-applikazzjonijiet spazjali. Minħabba n-natura abilitanti u trasformattiva enormi tagħhom u l-użu tagħhom għal skopijiet ċivili u militari, huwa kruċjali għas-sigurtà ekonomika li nibqgħu fuq quddiem nett fil-bini u fl-iżvilupp ulterjuri ta' dawn it-teknoloġiji.
 - (b) Teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali

L-IA (software), il-computing ta' prestazzjoni għolja, il-cloud u l-edge computing, u l-analitika tad-data għandhom firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet b'użu doppju u huma kruċjali b'mod partikolari għall-ipproċessar ta' ammonti kbar ta' data u għat-teħid ta' deċiżjonijiet jew previżjonijiet ibbażati fuq din l-analiżi mmexxija mid-data. Dawn it-teknoloġiji għandhom potenzjal trasformattiv enormi f'dan ir-rigward.
 - (c) Teknoloġiji kwantistiċi

It-teknoloġiji kwantistiċi għandhom potenzjal kbir li jitransformaw diversi setturi, ċivili u militari, billi jippermettu teknoloġiji u sistemi ġodda li jagħmlu użu mill-proprjetajiet tal-mekkanika kwantistika. L-impatt sħiħ tat-teknoloġiji kwantistiċi li qed jiġu/se jiġu żviluppati għadu ma jistax jiġi kkwalifikat bis-sħiħ.

(d) Il-bijoteknoloġiji

Il-bijoteknoloġiji għandhom natura abilitanti u trasformattiva ewlenija f'oqsma bħall-agrikoltura, l-ambjent, il-kura tas-saħħa, ix-xjenza tal-ħajja, il-ktajjen tal-ikel jew il-bijomanifattura. Xi bijoteknoloġiji, bħall-inġinerija ġenetika applikata għall-patoġeni jew il-komposti dannużi prodotti mill-modifika ġenetika tal-mikroorganiżmi, jista' jkollhom dimensjoni ta' sigurtà/militari, b'mod partikolari meta jintużaw ħażin.

2. Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jinvolve ruħhom fi djalogu miftuħ dwar kalendarju u ambitu xierqa għal valutazzjoni tar-riskju kollettiva ta' oqsma teknoloġiċi oħra elenkati fl-Anness, jew is-subsettijiet tagħhom, filwaqt li jqisu l-ambjent ġeopolitiku li qed jinbidel malajr u l-grad differenti ta' probabbiltà li t-teknoloġiji elenkati jippreżentaw l-aktar riskji sensittivi u immedjati relatati mas-sigurtà tat-teknoloġija u mal-ħrib tat-teknoloġija.
3. Biex jiġi strutturat l-eżerċizzju tal-valutazzjoni tar-riskju kollettiva, ġew identifikati l-prinċipji gwida li ġejjin:
 - (a) Li jiġu identifikati u analizzati l-vulnerabbiltajiet skont l-impatt potenzjali tagħhom fuq is-sigurtà ekonomika tal-UE u l-grad ta' probabbiltà li jimmaterjalizza l-impatt negattiv. L-analiżi għandha tidentifika t-tipi ewlenin ta' theddid u atturi ta' theddid, u għandha tqis il-fatturi ġeopolitiċi fejn rilevanti biex tivvaluta l-probabbiltà tal-impatti negattivi. Għandha tqis ukoll, fost l-oħrajn, il-katina tal-valur tat-teknoloġiji, l-evoluzzjoni tar-riskji kif ukoll l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti, inkluż kwalunkwe punt ta' konġestjoni u punt ta' konġestjoni futur mistenni, immappjar tal-pożizzjoni relattiva tal-UE f'kull teknoloġija, inklużi atturi l-ewlenin u l-elementi tat-tmexxija komparattiva tal-UE; l-interkonnnettività globali tal-ekosistema tat-teknoloġija, inkluż fir-riċerka u l-katina tal-provvista għat-teknoloġija.
 - (b) Fil-fażi tad-definizzjoni tal-ambitu tal-valutazzjoni kollettiva, għandu jitqies jekk il-valutazzjoni dettaljata hijiex se tiffoka fuq ċerti subsettijiet ta' teknoloġiji li huma l-aktar rilevanti.
 - (c) Il-valutazzjoni tar-riskju mhux se tkun speċifika għall-pajjiż.
 - (d) Li jiġu pprijoritizzati r-riskji li jkollhom effetti potenzjali fuq l-UE kollha.
 - (e) Li jiġu żgurati sinerġiji u komplementarjetajiet mal-analiżijiet eżistenti fil-livell tal-UE u fil-livell tal-Istati Membri, biex tikkontribwixxi għall-proċess tal-valutazzjoni tar-riskju.
 - (f) Li jitqies il-kontribut tas-settur privat.
4. Il-valutazzjoni tar-riskju kollettiva se tiżgura l-kunfidenzjalità, fuq talba, tal-inputs riċevuti mill-Istati Membri jew mis-settur privat. Id-dokument finali tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju kollettiva se jiġi kklassifikat b'mod xieraq.
5. Il-valutazzjoni għandha titwettaq mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni bl-użu tal-fora eżistenti, jew fejn meħtieġ oħrajn ġodda, biex jiġu inklużi l-esperti rilevanti, kif meħtieġ għal kull waħda mit-teknoloġiji kritiċi.

6. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-iżviluppi teknoloġiċi u, jekk ikun meħtieġ, tikkomplementa din ir-Rakkomandazzjoni billi tippromovi teknoloġiji addizzjonali għal valutazzjoni ulterjuri.

Magħmul fi Strasburg, 3.10.2023

Għall-Kummissjoni
Thierry BRETON
Membru tal-Kummissjoni

VERA KOPJA TAL-ORIĠINAL
Għas-Segretarju Ġenerali

Martine DEPREZ
Id-Direttur
Teħid tad-Deċiżjonijiet u Kulleġġjalità
KUMMISSJONI EWROPEA